# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA
## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. MHALLEF**

**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum it-Tlieta, it-2 ta' Frar 2016**

**Kawza Numru : 2**

**Rikors Numru : 26/2013/LSO fl-ismijiet : -**

**Partit Nazzjonalista et.**

**vs**

**Kummissjoni Elettorali et.**

**Il-Qorti,**

Dan hu digriet fuq talba tal-Kjamat in kawza, l-Partit Laburista, sabiex din il-Qorti tissoprassjedi milli tkompli tisma' din il-kawza sakemm tigi deciza kawza ohra fl-ismijiet **Daniel Micallef noe et noe -v- L-Avukat Generali et "(Rik.Kost 57/2015** JRM) - 'il quddiem imsejha **it-tieni kawza**. Din it-talba tressqet verbalment fis-seduta tad-29 ta'

Jannar 2016, ghal liema talba l-Partit Nazzjonalista oppona ghar-ragunijiet hemm verbalizzati.

Talba identika gja tressqet mill-Partit Laburista f'dawn il-proceduri u b'Digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' Lulju 2015 gie deciz hekk:

"Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess tichad it-talba ghas-soprasessjoni u tordna l-prosegwiment tal-kawza filwaqt **li tirriserva li terga' tikkonsidra talba simili wara li jingabru l-provi kollha."**

Il-provi fil-kawza odjerna issa jinsabu maghluqa.

Illi a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti ser taghmel riferenza ghall-principji legali traccjati fid-digriet precedenti taghha fir-rigward tar-rimedju ta' soprasessjoni. Tajjeb, izda, li jigi riaffermat li s-soprasessjoni huwa rimedju eccezjonali "*peress li tiffrena kawza u izzommha milli tinqata' bi speditezza fi zmien ragjonevoli."* (Ara sentenza fl-ismijiet **Dott.Alfred Mifsud v. Onor. Prim Ministru**, **Q.K.** - deciza fl-20 ta' Lulju, 1994); li hija eccezzjoni ghar-regola proceduraIi generali li kull kawza ghandha tinstema' sakemm tigi maqtugha[1]; u sahansitra li hija kontemplata biss ghar-riferenzi kostituzzjonali (u konvenzjonali) bl-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni (**On.Imh. Dottor Anton Depasquale v Onor. Prim Ministru**, **Q.K.** -deciza fl-20 ta' Lulju, 1994)[2].

Madanakollu, kif anke irribadiet din il-Qorti fl-ewwel digriet taghha, l-akkoljiment ta' talba simili hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti:-

[1] Art. 195(1) tal-Kap 12
[2] Similment bl-artikolu 4(3) tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Illi l-għoti tas-soprasessjoni huwa għal kollox fid-diskrezzjoni tal-qorti ***(Kollez. Vol XXXII.II.197).*** L-ezerċizzju ta' diskrezzjoni mill-ġudikant tiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari u speċjali ta' kull każ (ara – **Appell Ċivili – Grech noe vs Buttigieg et noe** – 26 ta' Marzu 1984)."

Illi bhala punt ta' partenza, din il-Qorti ,addetta b'talba simili, ghandha l-ewwel u qabel kollox tiddetermina jekk ir-raguni moghtija mir-rikorrent huwa ta' intralc effettiv ghall-kontinwazzjoni ta' din il-kawza. *Multo magis*, fejn il-kawza odjerna hija imsejsa fuq talba ghall-ksur ta' dritt fondamentali fejn allura t-tfittxija ghar-rimedju huwa aktar urgenti.

**It-talbiet fiz-zewg kawzi.**

Ikkonsidrat li permezz tal-kawza odjerna, l-Partit Nazzjonalista qed jitlob dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet garantiti bl-Artikolu **3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta,** u dan *stante* allegati mankanzi fil-process elettorali fit-tmien u fit-tlettax-il distrett fl-Elezzjoni Generali tas-sena 2013.

It-tieni kawza Kostituzzjonali taghmel riferenza ghas-sentenza tal-On. Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta' Mejju 2015 moghtija wara li saru appelli principali mis-sentenza fil-kawza odjerna mill-intimati u appell tat-terz tal-istess Partit Laburista. Fit-tieni kawza pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta,[3] ir-rikorrent Partit Laburista qed jilmenta li sofra lezjoni tad-dritt ghad-dritt tas-smigh xieraq billi l-Qorti Kostituzzjonali, fil-kors tad-deliberazzjoni taghha, cahdet l-eccezzjoni ta' gurisdizzjoni u b'hekk, bhala kjamat in

[3]Kopja tar-rikors esebit f'dawn l-atti (fol 708-710)

kawza, gie mcahhad milli jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu fi stadju ta' Prim'Istanza fuq l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni.

**Konsiderazzjonijiet**

**Ikkonsidrat** li l-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet hekk:

*"30. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-aggravju ta' nuqqas ta' integrita` tal-ġudizzju u, wara li rat l-art. 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tħassar is-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex il-kawża tinstema' mill-ġdid wara li jissejjaħ il-Partit Laburista fil-kawża."*

Dan wara li fil-kors tad-deliberazzjonijiet taghha qalet hekk:

"*20. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hija tal-fehma illi l-ġurisdizzjoni oriġinali ta' din il-qorti taħt l-art. 63 tal-Kostituzzjoni ma teskludix dik tal-Prim'Awla taħt l-art. 4 tal-Kap. 319. L-aggravju dwar nuqqas ta' ġurisdizzjoni huwa għalhekk miċħud."*

Illi din il-Qorti kienet addetta biex tilqa' l-atti tal-kawza li ntbaghtu lura mill-Qorti Kostituzzjonali, wara li dik il-Qorti "***hassret is-sentenza appellata*** " u dan "*sabiex il-kawza **tinstema' mill-gdid**."* L-import ta' din id-decizjoni huwa car kristallin - s-sentenza ma tiswix u l-kawza trid terga' tinstema' mill-bidu. Ir-raguni ghat-thassir huwa n-nuqqas ta' integrita' ta' gudizzju billi l-Partit Laburista ma kienx parti fl-ewwel proceduri, filwaqt li l-effett huwa wiehed - it-thassir tas-sentenza.

Illi huwa risaput li fejn il-gudizzju mhuwiex integru huwa doveruz ghall-Qorti li tordna l-kjamat in kawza, mhux biss minhabba raguni ta' ekonomija tal-gudizzju imma "*wkoll biex il-Qorti tizgura li kull min hu interessat fil-mertu, u kull min seta' jigi milqut, avversament jew le, bl-ezitu tal-kawza, jinghata l-opportunita' li jiddefendi ruhu adegwatament."* (**Romeo Schembri noe. v. John Galea et.** App.Civ. 09.02.2001). Minhabba li l-kjamat fil-kawza (li hija espedjent sabiex l-gudizzju jigi integrat) ma tistax issir fit-tieni istanza (**art.961 tal-Kap.12)**, il-gurisprudenza addottat ir-rimedju tal-annullament tad-decizjoni tal-ewwel istanza (**John Farrugia v Daniel Cilia** -App.Civ. 10.12.1966[4]).

Tant hu hekk li l-**artikolu 790 tal-Kap.12**, ghal liema saret riferenza fil-paragrafu 30 fuq citat tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, jiddisponi hekk:

***"790.*** *Meta quddiem Qorti fi grad ta’ appell tinġieb ’il quddiem eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eċċezzjoni ma għandhiex tintlaqa’ jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha, ħlief jekk l-eċċezzjoni tkun ibbażata fuq nuqqas ta’ ġurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta’ ċitazzjoni, jew fuq illeġittimità ta’ persuna jew <u>fuq li s-sentenza tal-ewwel qorti hija extra petita jew ultra petita jew fuq kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta’ smigħ xieraq.</u>*"(sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghalhekk f'din il-kawza, s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti giet imhassra u ntbaghtu l-atti sabiex il-kjamat in kawza jinghata smigh fuq l-addebiti.

[4]Iccitat fil-gabra ta' sentenzi fil-"***Massimarji tal-Imh. Philip Sciberras"*** - Vol.I,para 19.006 page 282

Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-rikorrent qed ipoggi "*the cart before the horse*" meta jippretendi li hija din il-Qorti li ghandha tissoprassjedi sabiex jigi deciz jekk giex lez fid-dritt ghas-smigh xieraq. Din il-Qorti ma cahhdet l-ebda smigh fuq l-eccezzjoni ta' gurisdizzjoni, liema eccezzjoni, li hija ta' natura legali, ser tigi ttrattata bhala kap separat fis-sentenza finali. Anke jekk jitqanqal il-punt li l-paragrafu 20 tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali hija wahda deciziva, (li sal-lum hadd ma ghamel sottomissjonijiet f'dan is-sens), hija din il-Qorti li ghandha tiddeciedi l-ewwel jekk dan huwiex minnu jew le. Jekk fl-affermattiv, allura hemmhekk, u f'dak l-istadju, jiskatta d-dibattitu dwar jekk jissussisti xi lezjoni tad-dritt ghas-smigh xieraq u mhux qabel.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motiviil-Qorti tichad it-talba ghas-soprasessjoni.

L-ispejjez jigu determinati mal-gudizzju finali.

**Degretat.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**2 ta’ Frar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**2 ta’ Frar 2016**